

KWESTJONARJU LILL-KUMMISSARJU NNOMINAT**Henna VIRKKUNEN****Viċi President Eżekuttiv għas-Sovranità Teknoloġika, is-Sigurtà u d-Demokrazija****1. Kompetenza ġenerali, impenn Ewropew u indipendenza personali**

X'aspetti tal-kwalifiki u l-esperjenza personali tiegħek huma partikolarment rilevanti biex issir Kummissarju u tippromwovi l-interess ġenerali Ewropew, b'mod partikolari fil-qasam li tkun responsabbli minnu? Kif se tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-linji gwida politiċi tal-Kummissjoni? Kif se timplimenta l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri u tintegra perspettiva tal-ġeneru fl-oqsma kollha ta' politika tal-portafoll tiegħek? Kif se timplimenta l-integrazzjoni taż-żgħażaġh?

X'garanziji ta' indipendenza tista' tagħti lill-Parlament, u kif tista' tiżgura li kull attività li wettaqt, qiegħda twettaq jew sejra twettaq ma tkunx tista' tqajjem dubji dwar it-twetiq ta' dmirijietek fi ħdan il-Kummissjoni?

Ir-referendum dwar is-sħubija tal-Finlandja fl-Unjoni Ewropea sar 30 sena ilu. Kien mument determinanti għaliha, peress li l-fatt li nġhaqadt mal-moviment “Iva għas-sħubija” kien ir-raġuni għaliex dħalt fil-politika. Dawk minna li ħadmu għas-sħubija riedu li l-Finlandja tagħmel parti mill-grupp ta' soċjetajiet Ewropej miftuħa li jirrispettaw id-dinjità invjolabbli tal-bniedem, id-demokrazija, l-ugwaljanza, id-drittijiet tal-bniedem, l-istat tad-dritt u l-libertà. Il-promozzjoni tal-idea u l-proġett komuni Ewropej huwa dak li għamilni politika.

Il-valuri fundamentali tal-Unjoni Ewropea issa qed jiġu sfidati b'mod bla preċedent. Jekk niġi kkonfermata mill-Parlament Ewropew, bħala Viċi President Eżekuttiv tal-Kummissjoni Ewropea, se naġixxi favur dawn l-istess valuri b'mod saħansitra aktar deċiżiv. Hemm sħab iswed fuq is-soċjetajiet tagħna, iżda nemmen bis-sħiħ li dawn id-diffikultajiet jistgħu jingħelbu. Neħtieġu aktar dialogu u xewqa li nifhmu. Neħtieġu soluzzjonijiet, passi sodi u direzzjoni komuni għall-futur. Kif iddikjarat fil-linji gwida politiċi tal-President elett Ursula von der Leyen, issa jeħtieġ li nimxu aktar malajr u aktar lil hinn biex niżguraw is-sigurtà, il-kompetittività u l-prosperità tagħna, kif ukoll il-ġustizzja soċjali. Dan jeħtieġ il-kapaċità li wieħed jisma' u jiddjaloga, l-arti tal-kompromess u d-determinazzjoni li jiġu rrikonċiljati fehmiet spiss differenti ħafna. Biex niżguraw Ewropa prospera u sigura, irridu nsaħħu l-produttività permezz tal-innovazzjoni diġitali. Fl-istess ħin, li nibqgħu leali lejn il-valuri tagħna tad-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem, u l-libertajiet individwali jfisser li n-nies u l-ħtiġijiet tagħhom jitqiegħdu fil-qalba tat-teknoloġija. Filwaqt li l-enfasi tiegħi tkun fuq l-infurzar u l-implimentazzjoni tal-liġijiet diġitali promulgati mill-koleġiżlaturi sa issa, għandna naħdmu flimkien biex niżguraw is-sovranità u t-tmexxija diġitali tal-Ewropa. Dan mhux biss se jsaħħaħ is-sigurtà tagħna, iżda se jsaħħaħ ukoll is-soċjetajiet u l-ekonomiji tagħna b'mod ġenerali u jsaħħaħ ir-reżiljenza tad-demokraziji tagħna.

Ħdimt għal aktar minn għaxar snin bħala Membru tal-Parlament Ewropew u qabel dan għal sitt snin bħala Ministru u bħala Membru tal-Parlament Finlandiż. Ħafna drabi l-ħidma tiegħi ffukat fuq il-politiki li jikkonċernaw l-industrija, id-diġitali u l-innovazzjoni rilevanti għall-portafoll propost tas-Sovranità Teknoloġika, is-Sigurtà u d-Demokrazija. L-aktar reċenti bħala Membru tal-Parlament Ewropew, kelli l-opportunità li mmexxi 'l quddiem it-tranżizzjoni diġitali permezz tal-pożizzjonijiet varji tiegħi ta' Rapporteur u Shadow Rapporteur. L-iżgurar tas-sigurtà interna u esterna, kif ukoll il-promozzjoni tat-teknoloġiji diġitali u dawk mill-aktar avvanzati kellhom rwol ċentrali fl-attivitajiet politiċi tiegħi. Jekk niġi kkonfermata mill-Parlament, se naħdem biex noħloq approċċ koerenti dwar kif għandha tintuża t-teknoloġija biex jissaħħu s-sigurtà u l-kompetittività tal-UE, filwaqt li nirrispetta bis-sħiħ ir-rekwiżiti tal-protezzjoni tad-data u niżgura li l-għodod bħall-IA jintużaw b'mod sikur u sigur.

Bħala politika, jien iggwidata minn sens qawwi ta' ġustizzja u l-idea li kull persuna għandha tiġi ttrattata b'mod ugwali. Nemmen bis-sħiħ li l-kisba tal-ugwaljanza teħtieġ azzjonijiet f' setturi differenti tas-soċjetà. Bħala eżempju

konkret, fil-portafoll ippreżentat lili mill-President elett tal-Kummissjoni, missjoni ewlenija hija li l-Ewropa titqiegħed fuq quddiem nett tat-teknoloġiji l-ġodda. Dan sempliċiment mhuwiex possibbli sakemm ma jirnexxilniex nattiraw il-bniet u n-nisa lejn l-oqsma STEM. Jeħtieġ li nisfruttaw l-aħjar mit-talenti kollha biex nappoġġjaw is-sovranità teknoloġika Ewropea. Bl-istess mod, nagħti attenzjoni partikolari lid-dimensjoni tal-ġeneru fl-oqsma l-oħra ta' dak li jkun il-portafoll tiegħi: l-integrazzjoni tal-perspettivi tal-ġeneru fil-politiki relatati mas-sigurtà u d-demokrazija hija kruċjali għall-ħolqien ta' soluzzjonijiet aktar inklużivi, effettivi u sostenibbli. Politiki sensittivi għall-ġeneru jgħinu biex jiġu indirizzati l-impatti diversi tat-theddid għas-sigurtà u l-isfidi demokratiċi fuq gruppi differenti, filwaqt li jiżguraw li jitqiesu l-ilħna u l-ħtiġijiet tan-nisa.

F'termini prattiċi, avvanzajt il-parteċipazzjoni tan-nisa fis-setturi kollha tal-ħajja billi servejt bħala l-President tal-Assoċjazzjoni tan-Nisa tal-Partit tal-Koalizzjoni Nazzjonali u bħala l-President tal-klabb tal-baseball tan-nisa Jvaskylän Kirittäret. L-avvanz tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u r-rispett għad-drittijiet ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi se jkomplu jkunu motivaturi ewlenin għall-involviment pubbliku tiegħi.

Bl-istess mod, huwa kruċjali li nagħtu attenzjoni speċjali lill-perspettiva taż-żgħażaġh li se jgħixu għada bid-deċiżjonijiet li nieħdu llum. Bħala Membru tal-Parlament Ewropew, spiss involvejt ruħi fi djalogu ma' udjenzi żgħażaġh f'tipi differenti ta' skejjet u istituzzjonijiet edukattivi. Suġġett li ħareġ fi kważi kull laqgħa huwa relatat mat-tħassib u l-pressjonijiet esperjenzati miż-żgħażaġh dwar id-direzzjoni tal-futur tagħhom. Aħna bħala dawki li jieħdu d-deċiżjonijiet għandu jkollna l-għan li noħolqu futur fejn il-ġenerazzjonijiet żgħażaġh jiġu appoġġjati u jaraw opportunitajiet. Irrid li l-Ewropa tkun post fejn iż-żgħażaġh jistgħu jibnu ħajjithom u jsegwu l-ħolm tagħhom. Jekk niġi kkonfermata, se nwettaq Djalogi dwar il-Politika taż-Żgħażaġħ kull sena maż-żgħażaġh Ewropej; l-integrazzjoni kemm tal-ugwaljanza bejn is-sessi kif ukoll tal-integrazzjoni taż-żgħażaġh fil-ħidma tal-Kummissjoni Ewropea tkun komputu importanti ħafna għalija. Nagħmilha wkoll prijorità għolja tiegħi li nżur l-Istati Membri b'mod regolari. Il-Kummissjoni għandha taħdem maċ-ċittadini tal-UE u għaċ-ċittadini tal-UE.

Nirrispetta l-pedamenti li fuqhom bnejna l-Ewropa: ir-rispett fundamentali għall-awtoritajiet u l-istituzzjonijiet demokratiċi tagħna, l-Istat tad-dritt, it-trattament ugwali, il-proporzjonalità u l-prosperità. Nimpenja ruħi li nikkonforma mal-ogħla standards etiċi u mal-obbligi stipulati fl-Artikoli 17.3, 245 u 339 tat-TFUE u l-Kodiċi ta' Kondotta għall-Kummissarji.

Id-dikjarazzjoni tal-interessi tiegħi hija kompluta u aċċessibbli għall-pubbliku u se tiġi aġġornata jekk ikun hemm xi bidliet. Għalija, l-indipendenza mhix negozjabbli. Se nevita kwalunkwe sitwazzjoni fejn l-imparzjalità u l-indipendenza tiegħi jistgħu jiġu interrogati. Se ninforma lill-President tal-Kummissjoni bi kwalunkwe sitwazzjoni li tista' tinvolvi kunflitt ta' interess.

2. Ġestjoni tal-portafoll u kooperazzjoni mal-Parlament Ewropew

Tista' timpenja ruħek li tinforma kif xieraq lill-Parlament dwar l-azzjonijiet tiegħek u dawki tad-dipartimenti tiegħek? F'liema rigward tqis li inti responsabbli lejn il-Parlament?

Liema impenji speċifiċi lesta li tiegħu f'termini tal-involviment u l-preżenza tiegħek fil-Parlament, kemm fil-komitati kif ukoll fil-plenarja, it-trasparenza, il-kooperazzjoni u s-segwitu effettiv għall-pożizzjonijiet tal-Parlament u t-talbiet għal inizzjattivi leġislattivi? B'rabta mal-inizzjattivi ppjanati jew il-proċeduri li għaddejjin, lesta tipprovi lill-Parlament l-informazzjoni u d-dokumenti f'waqthom bl-istess mod bħalma tagħmel mal-Kunsill?

Jien onorata li għal aktar minn għaxar snin servejt bħala Membru tal-Parlament Ewropew. Għandi rispett kbir għall-kollegi tiegħi u għall-forza demokratika tal-istituzzjoni, u nemmen bis-sħiħ li bit-tisħiħ tar-relazzjoni bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea nistgħu niksbu aktar għall-ġid taċ-ċittadini Ewropej.

Jien impenjata għal djalogu miftuħ u sistematiku mal-Parlament Ewropew biex niżgura li l-Parlament ikun jista' jeżerċita s-setgħat leġislattivi tiegħu u s-sorveljanza demokratika b'mod effettiv. Dan jeħtieġ fluss trasparenti ta' informazzjoni dwar avvenimenti ewlenin u stadji ewlenin tan-negozjati. L-għoti ta' informazzjoni rilevanti u f'waqtha lill-Parlament Ewropew itejjeb il-kwalità u l-effiċjenza tal-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet. Jekk niġi kkonfermata bħala Membru tal-Kulleġġ, se nagħmel l-almu tiegħi biex nieħu sehem fid-dibattiti plenarji, fil-laqgħat tal-Komitati u fit-trilogi marbuta mal-portafoll propost tiegħi. B'mod ġenerali, l-istatus tal-Parlament Ewropew bħala koleġislatur ugwali mal-Kunsill għandu dejjem ikun inkorporat b'mod ċar fil-ħidma tal-Kulleġġ. Se niżgura li kwalunkwe Riżoluzzjonijiet tal-Artikolu 225 adottati mill-Parlament li jitolbu proposti leġislattivi f'oqsma taħt ir-responsabbiltà tiegħi jiġu ttrattati bħala prijorità għolja fl-aġenda tal-Kummissjoni u jiġu segwiti bi djalogu strutturat mal-Komitati Parlamentari responsabbli.

Ninsab ħerqana wkoll li naħdem mal-Parlament Ewropew biex flimkien ngħinu niżguraw li ċ-ċittadini u n-negozji jkunu jistgħu jgawdu l-benefiċċji tal-liġijiet u l-politiki tal-UE. L-appoġġ lill-Kummissjoni fir-rwol tagħha li tmexxi 'l quddiem l-implimentazzjoni jkun utli ħafna minħabba li deċiżjonijiet politiċi, dikjarazzjonijiet jew saħansitra l-aktar leġiżlazzjoni stretta mhux se joħduna 'l quddiem, sakemm ma nassigurawx li r-regoli komuni tagħna jiġu wkoll segwiti.

Inqis li huwa importanti ħafna li jkun hemm komunikazzjoni miftuħa, onesta u kontinwa mal-Parlament Ewropew u l-Membri tiegħu. Jien nimmira għat-trasparenza fit-tnejn ta' inizjattivi ġodda u huwa importanti għalija li jinstemgħu wkoll il-partijiet ikkonċernati tagħna u ċ-ċittadini b'perspettivi differenti.

Jekk niġi kkonfermata, bħala Viċi President Eżekuttiv inkompli napplika standards għoljin ta' trasparenza għall-laqgħat mar-rappreżentanti ta' gruppi ta' interess, kif għamilt fir-rwol tiegħi bħala Membru tal-Parlament Ewropew.

Qabel ma involvejt ruħi fil-politika, il-professjoni preċedenti tiegħi kienet ta' ġurnalista. Inħossha fundamentalment importanti, meta jitqies ukoll it-tnejjid ta' miżinformazzjoni u diżinformazzjoni, li nipparteċipa fid-dibattitu pubbliku u noffri informazzjoni f'waqtha u preċiża liċ-ċittadini wkoll permezz tal-media. Jekk niġi kkonfermata mill-Parlament, bħala l-Viċi President Eżekuttiv tal-Kummissjoni se nagħmel l-almu tiegħi biex nikkomunika wkoll ma' udjenzi akbar u nwassal b'mod attiv l-azzjonijiet u d-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni liċ-ċittadini tal-UE.

Mistoqsijiet mill-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

3. X'inhi l-viżjoni tiegħek għall-portafoll tiegħek lil hinn mill-ittra ta' missjoni tiegħek u x'tixtieq li jkun il-legat tiegħek? Liema proposti leġiżlattivi u inizjattivi oħra se tissuġġerixxi lill-Kulleġġ tal-Kummissarji għall-adozzjoni fil-ħames snin li ġejjin u b'mod partikolari fl-ewwel 100 jum? Kif se tiżgura li dawn il-proposti, kif ukoll l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni eżistenti, isaħħu l-kompetittività Ewropea? Beħsiebek tibbaża dawk il-proposti leġiżlattivi fuq valutazzjonijiet tal-impatt iddedikati? X'inhuma l-pjanijiet tiegħek b'mod partikolari għall-Att dwar in-Networks Diġitali, l-Att tal-UE dwar il-Cloud u l-Iżvilupp tal-IA, il-politika unika dwar il-Cloud madwar l-UE u l-Istrateġija għall-Unjoni Ewropea tad-Data? X'miżuri konkreti se tipproponi sabiex tiżgura li l-Ewropa tilħaq il-miri tagħha tad-Deċennju Diġitali tal-2030, inkluż fir-rigward tal-ħiliet diġitali? X'inhuma l-fehmiet tiegħek dwar l-Iskema Ewropea ta' Ċertifikazzjoni ta' Ċibersigurtà għas-Servizzi tal-Cloud (EUCS) u r-rakkomandazzjonijiet fir-rapport Draghi relatati mas-servizzi tal-cloud?

Xprunata minn teknoloġiji ġodda, id-dinja qed tinbidel b'rata aktar mgħaġġla minn qatt qabel, u qed iseħħu bidliet saħansitra akbar bl-IA, bil-kwantum u bil-bijoteknoloġiji. Għandna għażla: nistgħu jew nadattaw, inħaddnu teknoloġiji ġodda u nibqgħu jirnexxu, jew nistgħu nirriskjaw li naqgħu lura, u nibqgħu dipendenti fuq oħrajn. Dan l-aħħar perkors iħallinna ma nistgħux inżommu l-livell attwali ta' benesseri tagħna, niproteġu l-ambjent jew sempliċement inżommu lilna nfusna sikuri. Id-distakk fil-kompetittività bejn l-UE u l-Istati Uniti huwa fil-biċċa l-kbira spjegat mis-settur tat-teknoloġija b'saħħtu tal-Istati Uniti u l-adozzjoni tat-teknoloġija. Il-mili ta' din il-lakuna se tkun prijorità importanti għall-mandat li jmiss tiegħi, jekk niġi kkonfermata mill-Parlament Ewropew. It-teknoloġija ma tridx issir vulnerabbiltà filwaqt li tista' tkun ta' vantaġġ. Jeħtiġilna li nieħdu l-futur f'idejna.

Ninsabu f'salib it-toroq ukoll, għas-sigurtà tal-Ewropa. Irrid naħdem fl-Ewropa u mal-alleati tagħna biex niżgura li nkunu mgħammrin biex niffaċċjaw l-isfidi tal-kuntest ġeopolitiku attwali. Il-protezzjoni tal-ekonomija u s-soċjetà tal-Ewropa tfisser fuq kollox li niddefendu l-valuri ewlenin tagħna tal-istat tad-dritt, id-demokrazija u d-drittijiet fundamentali. Il-politika diġitali tagħna għandha rwol kruċjali x'taqdi fil-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni u fl-inkoraġġiment ta' settur tal-media vigoruż, indipendenti u ħieles.

Is-sovranià teknoloġika, is-sigurtà u d-demokrazija huma l-pedamenti li fuqhom nistgħu – naħdmu flimkien – nibnu l-futur tal-Ewropa, u niżguraw li dan jibqa' l-aħjar post fid-dinja li fih jgħixu wliedna. Dawn ikunu l-oġettivi ċentrali tal-mandat tiegħi.

Magħkom, irrid insawwar Unjoni li tkun innovattiva, tipproduċi u, fejn meħtieġ, tirregola wkoll b'mod li jibqa' validu fil-futur. Unjoni li tnaqqas il-burokrazija, Unjoni li tpoġġi l-innovazzjoni fiċ-ċentru ta' bidla radikali lejn il-produttività li tinvesti fis-sigurtà interna u esterna u żżomm l-ogħla standards fid-dinja dwar id-demokrazija u l-istat tad-dritt. Fl-istess ħin, nemmen li l-UE għandha tkompli taqdi rwol ewleni fil-governanza diġitali globali,

filwaqt li tippromwovi globalment il-viżjoni tagħna ċċentrata fuq il-bniedem u l-valuri Ewropej komuni, li fuqhom huma bbażati r-regoli tagħna.

Jekk niġi kkonfermata, se nirreżamina l-politiki attwali tagħna u se nipproponi azzjonijiet konkreti ġodda li jibqgħu validi fil-futur b'outputs ċari u li jistgħu jitkejlu, inklużi dawk imsemmija fl-ittra ta' missjoni tiegħi, biex nilħqu l-oġġettivi u l-miri ta' politika li stabbilixxena fid-Deċennju Diġitali hekk kif noqorbu lejn l-2030. Neħtieġu bidla fundamentali bbażata fuq ħames linji ta' azzjoni biex inkunu nistgħu nsaħħu l-kompetittività Ewropea:

l-ewwel nett, l-appoġġ għall-kapaċità tal-innovazzjoni tal-kumpaniji Ewropej, u b'mod partikolari l-SMEs, li jaħdmu fis-setturi kollha, u t-tnaqqis tal-livell limitu għan-negozji tagħna biex jadottaw teknoloġiji innovattivi bħall-IA.

It-tieni, nappoġġja l-implimentazzjoni, l-infurzar u s-simplifikazzjoni effettivi tar-regoli u r-regolamenti u t-tnaqqis tal-burokrazija bl-użu tat-teknoloġija biex jitnaqqas il-piż tal-konformità għan-negozji tagħna.

It-tielet, għandna niffukaw fuq il-ħiliet, sabiex kulħadd ikollu l-opportunità li jkun involut fir-rivoluzzjoni diġitali. Irridu nżidu l-ħidma biex innaqqsu d-distakk fil-ħiliet diġitali avvanzati, b'mod partikolari billi naħdmu biex inżidu n-numru ta' speċjalisti nisa fl-ICT fl-Ewropa.

Ir-raba', l-isfruttar tal-potenzjal tat-teknoloġiji diġitali u dawk mill-aktar avvanzati biex intejbu ħajjitna, nagħmlu l-ambjenti tal-għajxien tagħna aktar ekoloġiċi, aktar siguri, u aktar inklużivi. Niżgura wkoll li l-effiċjenza enerġetika tas-settur tal-ICT tiġi indirizzata kif xieraq u li nieħdu vantaġġ mill-IA f'dan ir-rigward.

Fl-aħħar nett, irrid intejjeb il-mod kif is-settur pubbliku jagħti riżultati liċ-ċittadini tagħna f'setturi bħas-saħħa. Is-settur pubbliku, inkluża l-Kummissjoni, għandu jħaddan soluzzjonijiet innovattivi biex jaqdi aħjar il-ħtiġijiet taċ-ċittadini.

Biex niksbru dan kollu u nahdsu l-benefiċċji għall-kompetittività Ewropea, jeħtieġ li naġixxu malajr. Dan ifisser l-ewwel nett l-implimentazzjoni sħiħa tal-leġiżlazzjoni eżistenti – irridu dejjem nistaqsu lilna nfusna jekk ir-riżultat jistax jinkiseb permezz ta' infurzar aħjar jew implimentazzjoni aħjar tar-regoli eżistenti. Iżda f'dinja għaddejja b'mod mġaġġel, għandna nipproponu wkoll leġiżlazzjoni ġdida li tiffavorixxi l-innovazzjoni meta jkun meħtieġ – b'valutazzjoni tal-impatt xierqa li tinvolvi l-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha u analiżi robusta tal-ispejjeż u l-benefiċċji. Ir-regoli l-ġodda għandhom ikunu aktar sempliċi, immirati u aċċessibbli.

L-Ewropa għandha ssir il-kontinent tal-IA. Huwa għalhekk li, jekk niġi kkonfermata, se nikkonċentra fuq l-**Inizjattiva dwar il-Fabbriki tal-IA** fl-ewwel 100 jum tagħna. Filwaqt li l-Fabbriki tal-IA jiffukaw fuq l-iżgurar tal-aċċess għal computing ta' prestazzjoni għolja tal-ogħla livell minn negozji ġodda u mill-industrija tal-IA, l-**Att dwar il-Cloud u l-Iżvilupp tal-IA** (aktar informazzjoni fit-tweġiba tiegħi għall-mistoqsija 6) se jindirizza d-distakk akut fl-ipproċessar tad-*data* ġeneralizzata u fil-kapaċità komputazzjonali li bħalissa żżomm lill-kumpaniji Ewropej lura milli jiżviluppaw u jużaw l-IA. Huwa għalhekk li l-**Att tal-UE dwar il-Cloud u l-Iżvilupp tal-IA** se jkun fih miżuri li jstimulaw l-innovazzjoni, jagħtu spinta lill-investiment, inaqqsu l-burokrazija u jippromwovu teknoloġiji li jistgħu jilhqgħu miri ambizzjużi tal-effiċjenza enerġetika.

B'mod aktar speċifiku dwar il-cloud, huwa importanti li nibqgħu miftuħa għall-fornituri ta' pajjiżi terzi, filwaqt li niżguraw is-sigurtà tal-katina tal-provvista tagħna, filwaqt li nqisu wkoll l-interess leġittimu għal soluzzjonijiet ta' "cloud sovrani" f'applikazzjonijiet partikolarment sensittivi. Bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet ta' protezzjoni tal-Att dwar id-*Data*, żgurajna li d-*data* maħżuna fl-Ewropa mill-fornituri tas-servizzi tal-cloud tibqa' protetta minn aċċess illeġittimu jew trasferimenti minn gvernijiet mhux tal-UE, iżda rridu nagħmlu aktar għal applikazzjonijiet aktar sensittivi. Għalhekk, wara l-parir tal-Professor Draghi, jekk niġi kkonfermata, se nressaq **politika unika tal-cloud fl-UE kollha** għall-amministrazzjonijiet pubbliċi u l-akkwist pubbliku. Meta joffru s-servizzi tagħhom lill-amministrazzjonijiet pubbliċi, il-fornituri tal-cloud spiss jiffaċċjaw rekwiżiti differenti fi Stati Membri differenti, u anke bejn dipartimenti differenti tal-istess amministrazzjoni pubblika. Dan huwa partikolarment ta' piż għal fornituri iżgħar. Fl-istess ħin, huwa diffiċli għall-amministrazzjonijiet pubbliċi li jidentifikaw is-servizzi li jissodisfaw bl-aħjar mod il-ħtiġijiet tagħhom f'termini ta' sigurtà u sovranità. Nipproponi approċċ komuni għall-UE kollha għall-ispeċifikazzjonijiet tal-offerti, qafas komuni għas-sigurtà tad-*data* u suq ikkontrollat mill-UE għal servizzi siguri u innovattivi bbażati fuq il-cloud. Servizzi bħal dawn jistgħu jkunu attraenti wkoll għal użi kummerċjali aktar sensittivi.

Nilqa' l-**Iskema tal-UE taċ-Ċertifikazzjoni taċ-Ċibersigurtà għas-Servizzi tal-Cloud (EUCS)** volontarja, peress li se żżid it-trasparenza fil-livell tas-sigurtà tas-servizzi tal-cloud. Ladarba tkun fis-seħħ, se tindirizza l-frammentazzjoni attwali fiċ-ċertifikazzjoni u tnaqqas l-ostrakli finanzjarji għall-fornituri biex joffru soluzzjonijiet siguri tal-cloud madwar l-UE. Fl-istess ħin, minbarra r-rekwiżiti tekniċi, jien konxja tal-isfidi tas-sigurtà ppreżentati fil-kuntest ġeopolitiku attwali. Dawn l-isfidi jkollhom l-attenzjoni tiegħi meta naħdem fuq l-inizjattivi differenti tal-cloud taħt il-mandat tiegħi.

Barra minn hekk, jekk niġi kkonfermata mill-Parlament Ewropew, dalwaqt se nniedi konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati għal **Strateġija għall-Applikazzjoni tal-IA** (aktar dwar dan taħt il-Mistoqsija 4) minħabba li jeħtiġilna ukoll li nħarsu lejn in-naħa tad-domanda fis-setturi privati u pubbliċi. Dan se jiġi kkomplementat mill-**Istrateġija għall-Unjoni Ewropea tad-data**, marbuta mal-Att dwar il-Cloud u l-Iżvilupp tal-IA, biex jiġi sfruttat aktar il-potenzjal tad-data. Il-privatezza jeħtiġ li tiġi protetta f'kull ħin, u se jkollna niżguraw li l-qafas tal-protezzjoni tad-data tal-UE jibqa' konformi mat-trasformazzjoni diġitali, filwaqt li nwieġbu għall-ħtiġijiet kummerċjali u tal-infurzar tal-liġi, filwaqt li nżommu l-istess standard għoli ta' protezzjoni tad-data.

Bħala parti mill-isforzi biex tissaħħaħ iċ-ċibersigurtà tal-aktar entitajiet kritiċi tagħna, se nħejju **pjan ta' azzjoni dwar iċ-ċibersigurtà tal-isptarijiet u tal-fornituri tal-kura tas-saħħa** għall-adozzjoni fl-ewwel 100 jum.

L-ilħuq tal-għanijiet ambizzjużi tagħna mhux se jkun possibbli mingħajr aċċess imtejjeb għal konnettività sigura, rapida u affidabbli, bħala parti mill-istrateġija usa' tagħna għal computing kollaborattiv konness. Jeħtiġ li ninċentivaw l-investiment fl-infrastruttura diġitali u nlestu s-Suq Uniku. Dan se jpoġġi lill-Ewropa fuq quddiem nett tal-ġenerazzjoni li jmiss ta' infrastruttura diġitali u sigura intelliġenti, inkluż is-6G, bħala parti mit-trasformazzjoni industrijali nadifa. Għalhekk, jekk niġi kkonfermata, inħejji **Att dwar in-Networks Diġitali** biex nagħti spinta lill-broadband sigur b'veloċità għolja, kemm fiss kif ukoll mingħajr fili. Ix-xenarju tal-konnettività diġitali qed jinbidel malajr bil-konverġenza tat-teknoloġija tat-telekomunikazzjoni, tal-cloud u tal-edge, xprunata mill-virtwalizzazzjoni u l-IA. Għalhekk neħtieġu qafas regolatorju li jinċentiva l-iżvilupp ta' infrastrutturi integrati tal-konnettività u tal-computing u jiżgura kundizzjonijiet ekwi għall-fornituri ta' infrastruttura u servizzi simili. L-inizjattiva l-ġdida titħejja filwaqt li jitqies ir-rispons tal-partijiet ikkonċernati dwar il-White Paper tal-Kummissjoni ta' Frar 2024 dwar il-futur tal-komunikazzjonijiet elettroniċi, li tibni fuq ir-rieżami ppjanat tal-qafas eżistenti, kif ukoll ir-rapporti Letta u Draghi. L-għan tiegħi jkun li nikkompleta s-suq uniku għall-konnettività, li għalih ir-riforma tal-politiki tal-ispettru, li tirrispetta l-kompetenzi kondiviżi, hija neċessità.

Dawn l-inizjattivi kollha jistgħu jirnexxu biss jekk ikunu akkumpanjati minn investiment fl-aktar assi prezzjuż tal-Ewropa: in-nies tagħha. Kif enfasizzat fil-Linji Gwida Politiċi, il-Kummissjoni beħsiebha tagħmel enfasi partikolari fuq il-ħolqien, l-iżvilupp u l-użu tal-ħiliet li neħtieġu, illum u għada, l-aktar ovvjament dawk meħtieġa għat-tranżizzjonijiet doppji. Nistenna bil-ħerqa li naħdem mal-Viċi President Eżekuttiv għan-Nies, il-Ħiliet u t-Thejjiġa u ma' kollegi oħra fil-Kulleġġ biex dan jimxi 'l quddiem jekk jiġi kkonfermata mill-Parlament.

4. Kif tiddefinixxi s-sovranità u l-kompetittività teknoloġika tal-UE? Kif tista' l-UE tiksibha? F'dak ir-rigward, liema miri u indikaturi se tistabbilixxi inti biex tiżgura li jkun sar progress sostanzjali sa tmiem il-mandat tiegħek? Kif se ssaħħaħ il-pożizzjoni tas-settur teknoloġiku tal-UE kemm fil-hardware, kif ukoll fis-software, bl-użu ta' approċċ olistiku, u x'miżuri immedjati se tieħu biex tiżgura s-sovranità teknoloġika u tippromwovi l-kompetittività tal-pjattaformi Ewropej? X'inhuma l-pjanijiet tiegħek fir-rigward tat-teknoloġiji diġitali u dawk mill-aktar avvanzati, bħall-IA, is-supercomputing, il-computing kwantistiku u t-teknoloġiji, is-semikondutturi, it-teknoloġija spazjali u l-Internet tal-Oġġetti? X'miżuri tipprevedi biex tiżgura użu sikur, affidabbli u ċċentrat fuq il-bniedem tat-teknoloġiji diġitali? Kif qed tippjana li tiżgura implimentazzjoni effettiva tal-Att dwar iċ-Ċipep u ssaħħaħ il-ktajjen tal-provvista tas-semikondutturi tal-UE? X'inhuma l-pjanijiet tiegħek għall-espansjoni tal-Att dwar iċ-Ċipep, inkluż appoġġ għal segmenti strateġiċi tal-industrija u industrijiet kontigwi, u għall-pjan fit-tul tal-UE dwar iċ-Ċipep Kwantistiċi? Kif se ttejjeb il-koordinazzjoni u l-parteċipazzjoni tal-UE f'korpi internazzjonali li jistabbilixxu l-istandards tal-ICT, u tippromwovi n-normi u l-istandards diġitali tal-UE internazzjonalment?

It-tnaqqis tad-dipendenza tagħna u t-tisħiħ tal-kapaċità tal-Ewropa fit-teknoloġiji kritiċi huma ċentrali biex tiġi pprovduta l-kompetittività sostenibbli meħtieġa għall-benesseri u l-prosperità taċ-ċittadini. Is-sovranità teknoloġika u l-kompetittività tal-UE jagħtuna l-opportunità li nagħxu b'mod indipendenti f'ambjent globalizzat, filwaqt li nnaqqsu r-riskji minn atturi li ma jaderixxux mal-valuri Ewropej. Għalhekk, flimkien mal-Istati Membri, għandna nżidu l-finanzjament tagħna għar-riċerka u l-iżvilupp, inżidu l-appoġġ tagħna għal negozji ġodda u SMEs innovattivi – pereżempju permezz ta' finanzjament għat-tkabbir u akkwist aġli – u nippromwovu l-użu ta' teknoloġiji bbażati fl-UE.

Jekk niġi kkonfermata, l-għan tiegħi se jkun li nnaqqas b'mod sostanzjali d-dipendenzi teknoloġiċi tagħna. Abbażi tal-valutazzjoni bir-reqqa tad-dipendenzi kritiċi u l-lakuni teknoloġiċi tagħna li diġà tnedew is-sena l-oħra, u tal-ktajjen tal-provvista kritiċi għall-assi u l-infrastrutturi strateġiċi tal-UE, appoġġjati mill-Osservatorju tat-Teknoloġiji Kritiċi tal-UE, nipproponi miżuri biex jimtew dawn il-lakuni. Niżgura li l-valutazzjonijiet tar-riskju tat-teknoloġiji kritiċi jibqgħu parti mill-kunsiderazzjonijiet tas-sigurtà ekonomika, inklużi dawk diġà mibdija fuq semikondutturi avvanzati, l-IA, il-kwantum u l-bijoteknoloġiji, u jwasslu għal miżuri konkreti li jipprioritizzaw il-kollaborazzjoni mas-sħab tagħna tal-istess fehma.

Mil-lat taċ-ċibersigurtà, is-sovranità teknoloġika tal-UE tisser li jkollna industrija taċ-ċibersigurtà u taċ-ċiberdifiża Ewropea b'saħħitha u affidabbli li tista' tipprovdi soluzzjonijiet ta' sigurtà għall-infrastruttura diġitali kritika tagħna. Dan ifisser l-evitar ta' dipendenzi kritiċi fuq fornituri uniċi u t-tneħħija tar-riskji tal-katina tal-provvista tagħna minn fornituri ta' riskju għoli abbażi ta' valutazzjonijiet tar-riskju għas-sigurtà miftiehma mal-Unjoni kollha, inkluż billi ssir ħidma mal-Istati Membri biex tiġi infurzata b'mod effettiv l-implimentazzjoni tas-sett ta' għodod tal-5G. Dan ifisser ukoll li l-apparati konnessi kollha tagħna fl-Internet tal-Oġġetti ma għandu jkollhom l-ebda vulnerabbiltà magħrufa meta jidħlu fis-suq, u jkunu sikuri għan-negozji u l-konsumaturi. U issa għandna qafas taċ-ċibersigurtà solidu u komprensiv biex niksba dan.

Is-sovranità tat-teknoloġija tal-UE tinkludi ċ-ċiklu kollu tal-iżvilupp tat-teknoloġiji, mir-riċerka fundamentali sal-kummerċjalizzazzjoni mill-industrija, l-iżvilupp ta' teknoloġiji ewlenin bir-R&Ż, il-kapaċitajiet ta' żvilupp u skjerament tagħna stess, kif ukoll l-aċċess għal materja prima ewlenija u r-riċiklaġġ tagħha. Jekk niġi kkonfermata, se naħdem b'mod partikolari mal-Viċi President Eżekuttiv għall-Prosperità u l-Istrateġija Industrijali biex niżgura provvisti ewlenin.

Kemm l-oġettivi tad-Deċennju Diġitali tal-UE għall-2030 (b'mod partikolari lejn is- "sovranità diġitali") kif ukoll il-miri (b'mod partikolari dwar il-konnettività tal-gigabits, il-produzzjoni tas-semikondutturi, in-numru ta' edge nodes, l-adozzjoni tal-IA u tal-cloud, in-numru ta' speċjalisti tal-ICT jew id-diġitalizzazzjoni tal-kura tas-saħħa jew tal-amministrazzjoni pubblika) diġà jikkontribwixxu għall-kisba tas-sovranità u l-kompetittività tat-teknoloġija tal-UE. Il-monitoraġġ tal-progress se jiġi rrapportat fir-rapporti tal-2025 u tal-2026 dwar l-Istat tad-Deċennju Diġitali u se jiġi diskuss mal-Parlament Ewropew u mal-Istati Membri. Ir-rieżami tal-miri tad-Deċennju Diġitali mistenni sa mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2026 se jkun opportunità biex jitlestha s-sett ta' oġettivi, miri u indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni sabiex dawn ikopru wkoll il-kisba tas-sovranità teknoloġika tal-UE.

Jeħtieġ li niżviluppaw kapaċitajiet aktar b'saħħithom f'numru ta' teknoloġiji mill-aktar avvanzati bħall-IA, is-semikondutturi avvanzati, il-quantum, is-supercomputing, il-cloud u l-edge computing, it-teknoloġiji spazjali, iċ-ċibersigurtà, l-Internet tal-Oġġetti u l-ġenomika.

L-IA tista' tkun il-qofol tal-kompetittività futura tagħna. Jekk niġi kkonfermata mill-Parlament, se niżviluppa **l-Istrateġija għall-applikazzjoni tal-IA**, li tiffoka fuq l-użu rapidu ta' soluzzjonijiet ġodda tal-IA fis-setturi industrijali ewlenin tagħna u fl-amministrazzjonijiet pubbliċi. Dan ikun jipprovdi għall-innovazzjoni xprunata mill-IA, jappoġġja l-iżvilupp ta' mudelli tal-IA u l-użu tagħhom fis-setturi industrijali tal-Ewropa bħas-saħħa, l-enerġija, ir-robotika u l-manifattura, l-isparju u d-difiża kif ukoll is-settur pubbliku.

B'mod parallel, nipromwovi l-investiment fil-kapaċità tas-supercomputing tal-ogħla livell bl-**inizjattiva dwar il-fabbriki tal-IA**. Skont din l-inizjattiva, għandi l-għan li noħloq kundizzjonijiet għan-negozji ġodda u l-SMEs tal-IA tagħna u l-ekosistema usa' biex niżviluppaw mudelli kbar Ewropej tal-IA. Il-fabbriki tal-IA jibnu fuq in-network eżistenti tagħna ta' supercomputers li jinsabu fuq quddiem fid-dinja. L-għan tiegħi jkun li nniedi mill-inqas ħames Fabbriki tal-IA fl-Ewropa fl-ewwel 100 jum tal-mandat tal-Kummissjoni u nkompli dan l-isforz matul il-mandat tiegħi. Fl-aħħar nett, se naħdem mal-Kummissarju għan-Negozji Ġodda, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni biex nistabbilixxi **l-Kunsill Ewropew għar-riċerka dwar l-IA**, bħala element ewlieni tal-istrateġija usa' dwar l-IA.

Bl-istess mod, is-**semikondutturi** jeħtieġu investimenti ambizzjużi u, biex inkunu inqas dipendenti fuq atturi esterni, jeħtieġ li nibnu fabbriki u nipproduċu fl-Ewropa. L-Att Ewropew dwar iċ-Ċipep diġà attira madwar EUR 80 biljun fi proġetti, li huma "l-ewwel tat-tip" fl-Ewropa, jiġifieri, proġetti li jissodisfaw sensiela ta' kundizzjonijiet ta' sigurtà tal-provvista u li jwasslu għal effetti konsegwenzjali pożittivi madwar l-UE. Madankollu, jeħtieġ li l-Ewropa żżid l-isforzi tagħha biex tilħaq il-mira tagħha ta' 20 % tas-sehem mis-suq, biex tippożizzjona lilha nnifisha f'teknoloġiji avvanzati tas-semikondutturi. L-għan tiegħi jkun li nġinu lill-kumpaniji tagħna jnaqqsu d-distakk mill-"laboratorju għall-fabbrika" billi ninvestu f'linji ta' produzzjoni pilota avvanzati li jlaqqgħu flimkien ir-riċerka u l-atturi industrijali tul il-katina tal-provvista – mill-materjali, sat-tagħmir, sal-produzzjoni u l-imballaġġ. Se nniedi wkoll pjattaforma tad-disinn ibbażata fuq il-cloud biex niżgura li n-negozji ġodda tagħna jkollhom l-għodod kollha meħtieġa biex jiddisinjaw ċipep innovattivi. Fl-aħħar nett, kooperazzjoni internazzjonali b'saħħitha u b'bilanċjata se tkun essenzjali biex jiġu attirati aktar investimenti u biex tiġi żgurata s-sigurtà tal-provvista tagħna. Għandi l-għan li niżgura implimentazzjoni effettiva tal-Att dwar iċ-Ċipep biex nappoġġja l-iżvilupp ta' kapaċitajiet tal-proċess tas-semikondutturi u linji pilota fl-UE li jissodisfaw ir-rekwiżiti speċifiċi ta' setturi strateġiċi, inklużi l-inizjattivi ewlenin spazjali tal-UE u l-industriji spazjali u tad-difiża tal-UE.

Il-kwantum laħaq livell ta' maturità li jippermetti applikazzjoni Prattika fil-computing, fis-sensing u fil-komunikazzjoni sigura ma' applikazzjonijiet minn dijanjożi medika, networks ta' komunikazzjoni li ma jistgħux jiġu hhekkjati, u taħriġ rapidu ta' mudelli kbar tal-IA, għal apparati ta' detezzjoni supersensittivi. Huwa ta' importanza strateġika għas-sovranià, il-kompetittività u l-kapaċitajiet ta' difiża tal-UE. Jekk niġi kkonfermata, se naħdem mal-Istati Membri u mal-atturi ewlenin tal-industrija biex naċċellera l-iżvilupp tal-ekosistema tal-kwantum tal-UE u nattira l-investiment biex nindustrijalizzaw l-kwantum. Għal dan l-għan, se naħdem ukoll fuq iċ-ċipep kwantistiċi – komponent kruċjali tat-teknoloġiji kwantistiċi u tas-suq kwantistiku li qed jikber malajr – u se nippreżenta pjan fit-tul tal-UE dwar iċ-ċipep Kwantistiċi.

Jekk niġi kkonfermata, se niffoka wkoll fuq it-titjib tal-konnettività fl-Ewropa. Huwa fil-qalba tal-kompetittività tagħna u faċilitatur kruċjali għat-teknoloġiji msemmija hawn fuq. Il-konnettività tippermettilna nagħmlu użu sinifikanti mid-data, pereżempju biex inħarrġu l-Mudelli tal-IA. F'dan ir-rigward, se naħdem biex niżgura li l-Internet tal-Oġġetti (IoT, Internet of Things) jintuża b'mod wiesa' bħala għodda essenzjali biex l-industrija u l-mobbiltà jsiru attar kompetittivi fl-Ewropa. Se niżgura wkoll li l-IoT jintuża għall-benefiċċju tal-ambjent, b'mod partikolari għall-effiċjenza fir-riżorsi f'oqsma bħad-distribuzzjoni tal-ilma u l-biedja ta' preċiżjoni. Biex tisfrutta bl-aħjar mod l-IoT, jeħtieġ li l-UE tħaddan bis-sħiħ is-6G.

Il-ħtieġa li l-Ewropa tkun awtonoma fil-konnettività hija murija mit-tensjonijiet ġeopolitiċi li qed jiżdiedu b'mod ġenerali u mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja fl-Ukrajna b'mod partikolari. Jekk niġi kkonfermata, se naħdem biex nagħti spinta lill-awtonomija strateġika Ewropea fl-isparju, inklużi l-fornituri kritiċi għas-sigurtà, l-integrità u r-reżiljenza tas-servizzi satellitari tal-IRIS², li huma kritiċi għall-komunikazzjonijiet governattivi siguri tal-Istati Membri. IRIS² se tappoġġja l-kompetittività tal-industrija Ewropea billi tiżviluppa teknoloġiji satellitari tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku, għall-benefiċċju tas-settur kollu, b'mod partikolari l-SMEs. Dan se jippermetti lill-Ewropa żżomm it-tmexxija tagħha fis-settur spazjali.

Lil hinn mill-investimenti, l-implementazzjoni koerenti u komplementari tar-regoli eżistenti tagħna hija kruċjali biex jinfetħu opportunitajiet ġodda. Filwaqt li naħdem ma' Kummissarji oħra, għandi l-għan li niffaċilita l-konformità mal-Għabra tar-Regoli Diġitali tagħna, filwaqt li nagħti attenzjoni partikolari lill-impatt fuq in-negozji ġodda u n-negozji li qed jespandu.

L-għan tagħna huwa li niżviluppaw teknoloġiji li jagħtu s-setgħa u jtejbju l-kapaċitajiet umani u jwettqu l-valuri Ewropej. Dan jista' jkun vantaġġ kompetittiv għall-prodotti u s-servizzi diġitali "Made in EU". Jeħtieġ li ninvestu f'teknoloġiji sikuri, affidabbli u ċċentrat fuq il-bniedem li jirriflettu l-valuri Ewropej u jissalvagwardjaw il-mudell soċjali Ewropej, u s-sikurezza taċ-ċittadini tagħna. Hekk kif it-teknoloġiji jkomplu jevolvu b'pass mgħaġġel, huwa kruċjali li tinżamm enfasi qawwija fuq iċ-ċentralità tal-bniedem. Dan, flimkien mas-sostenibbiltà u r-reżiljenza, għandu jkun fil-qalba tal-innovazzjonijiet diġitali tagħna u r-regoli li stabbilixxjuna.

Jien nikkoordina mal-Istati Membri u mal-partijiet ikkonċernati u naħdem mill-qrib mal-Viċi President Eżekuttiv għall-Prosperità u l-Istrateġija Industrijali biex nipromwovi approċċ strateġiku lejn l-istandardizzazzjoni internazzjonali, biex niżgura l-kompetittività, is-sigurtà, l-awtonomija strateġika tal-UE u l-kapaċità tagħna li nipromwovu l-valuri tal-UE. Nagħmel dan b'mod bilaterali permezz ta' sħubijiet diġitali u b'mod multilaterali permezz tal-G7, il-G20 u organizzazzjonijiet internazzjonali bħall-OECD u n-NU. Se naħdem b'mod attiv ma' sħab tal-istess fehma biex nipromwovi kemm l-istandards diġitali tal-UE internazzjonalment, kif ukoll l-istandards diġitali internazzjonali li jirrispettaw il-valuri u l-interessi kondiviżi tagħna (eż. il-privatezza, il-protezzjoni tad-data, jew id-drittijiet tal-bniedem).

Infittex li naċċellera l-investimenti fi proġetti u teknoloġiji transfruntieri biex insaħħaħ l-interoperabbiltà fost l-Istati Membri għas-servizzi pubbliċi diġitali, filwaqt li niżgura l-operat bla xkiel u sigur tagħhom. Se nużaw strumenti bħal Ambjenti ta' Esperimentazzjoni Regolatorji u Proġetti Multinazzjonali biex niżviluppaw, nittestjaw u nużaw soluzzjonijiet innovattivi fl-Ewropa, li jagħmlu l-amministrazzjonijiet pubbliċi adatti għall-era diġitali.

Se naħdem ma' Kummissarji oħra biex nattira investimenti barranin, nipprovdli l-ambjent regolatorju t-tajjeb, nagħti prijorità lill-iżvilupp ta' forza tax-xogħol b'ħiliet speċjalizzati u għarfien espert tekniku, intejjeb l-aċċess għall-kapital privat, u nipromwovi l-innovazzjoni.

Bħala konklużjoni, il-kisba tas-sovranià u l-kompetittività tat-teknoloġija teħtieġ sforzi koeżivi mal-Istati Membri. Il-koordinazzjoni fil-livell tal-UE, il-ġbir flimkien tar-riżorsi, l-investimenti fuq skala kbira u rieda komuni biex nimxu 'l quddiem huma kruċjali.

5. *X'inhuma l-pjanijiet tiegħek rigward l-infrastruttura diġitali u l-aċċess għal konnettività ta' kwalità fiż-żoni ġeografiċi kollha? Kif beħsiebek timplimenta l-proposti stabbiliti fil-White Paper dwar il-ħtiġijiet tal-infrastruttura diġitali tal-Ewropa? X'inhil l-fehma tiegħek dwar ir-rakkomandazzjonijiet tal-White Paper u tar-rapport Draghi dwar it-tariffi tan-network? X'miżuri tippredvi biex tittejjeb il-konnettività tal-gigabits, tiġi estiża l-introduzzjoni tal-5G, tiġi żgurata bidla sħiħa mir-ram għall-fibra sal-2030 u jkun hemm inċentiv għall-investimenti mis-settur privat fl-iżvilupp tan-network? Kif qed tippjana li tindirizza l-aspetti relatati mal-enerġija tal-infrastruttura diġitali? X'miżuri tqis li huma meħtieġa biex jissaħħu r-reżiljenza u s-sigurtà ċibernetiċi fl-oqsma kollha madwar l-UE? Kif se ttejjeb il-kompetittività industrijali tas-sigurtà u tad-difiża fil-kuntast ta' Unjoni Ewropea tad-Difiża?*

Għadna lura meta mqabbla mal-kompetituri tagħna fejn tidħol il-kopertura tan-network fiss u bla fili b'kapaċità għolja ħafna. Biex nindirizzaw dan, neħtieġu azzjoni koordinata fil-livell tal-UE, inkluż dwar l-investiment. Hemm sfida partikolari bl-arkitettura tan-network "5G awtonomu" li hija kruċjali għall-każijiet ta' użu industrijali, u għad hemm distakk diġitali sinifikanti bejn iż-żoni urbani u rurali fl-UE. Jeħtieġ li nżidu l-investimenti biex nilħqu l-miri tal-konnettività tad-Deċennju Diġitali sal-2030 u niżviluppaw in-networks meħtieġa għas-servizzi diġitali ta' għada. Jekk niġi kkonfermata mill-Parlament Ewropew, l-impenn tiegħi huwa ċar: biex nagħmel l-almu tiegħi biex l-UE tilħaq il-miri tal-konnettività għall-2030 u tiżgura konnettività sigura, rapida u affidabbli bħala s-sinsla tal-ekonomija u tas-soċjetà tagħna.

Jekk niġi kkonfermata, waħda mill-prijoritajiet ewlenin tiegħi se tkun li naħdem fuq Att dwar in-Networks Diġitali biex tingħata spinta lill-broadband sigur b'veloċità għolja, kemm fiss kif ukoll mingħajr fili, li jappoġġja l-kompetittività u servizzi ta' kwalità affidabbli għall-konsumaturi. Dan ikun ta' segwitu għat-tendenzi teknoloġiċi u l-aspetti tas-sigurtà deskritti fil-White Paper tal-Kummissjoni "Kif nistgħu nissodisfaw il-ħtiġijiet tal-infrastruttura diġitali tal-Ewropa?". Filwaqt li jibbaża kwalunkwe għażla ta' politika fuq valutazzjoni tal-impatt solida, l-Att futur għandu jnaqqas il-piż amministrattiv għall-operaturi u joħloq inċentivi għal investimenti fl-infrastruttura u għal attivitajiet kummerċjali ġodda, pereżempju fl-edge cloud computing. L-interessi tal-konsumaturi għandhom jiġu difiżi wkoll, u għandhom jitqiesu s-sitwazzjonijiet individwali tal-Istati Membri.

Wara r-rakkomandazzjonijiet tar-rapport ta' Draghi, se niddiskuti b'mod attiv kif jista' jitlesta s-suq uniku tal-komunikazzjoni elettronika. Infittex soluzzjonijiet għal governanza aktar integrata fil-livell tal-Unjoni għall-ispettru għan-networks tal-ġenerazzjoni li jmiss. Id-dewmien fl-irkant tal-5G kellu effett negattiv fuq il-kompetittività tal-Ewropa, u rridu nevitaw li dan jerġa' jseħħ. Hemm numru dejjem jikber ta' atturi fl-ekonomija tan-network u dibattitu mqanqal. Dan id-dibattitu ma għandux sempliċiment jiġi ridott għal diskussjoni dwar it-tariffi tan-networks. Dan għandu jkun dwar kif atturi differenti jikkontribwixxu għal ekosistema ta' komunikazzjoni vibranti u innovattiva, ibbażata fuq kundizzjonijiet ekwi ġusti. Kien hemm proposti interessanti inkluż l-approċċ issuġġerit fir-rapport ta' Draghi u fil-White Paper dwar il-ħtiġijiet tal-infrastruttura diġitali tal-Ewropa. Barra minn hekk, il-konsultazzjoni pubblika li segwiet il-pubblikazzjoni tal-White Paper irriżultat f'numru kbir ħafna ta' kontributi, li se nistudja b'attenzjoni, u se ninvolvi ruħi mal-partijiet ikkonċernati kollha. Il-prinċipji gwida tiegħi fit-tfassil ta' kwalunkwe proposta jkunu s-salvagwardja tal-interessi taċ-ċittadini tal-UE u l-promozzjoni tal-kompetittività u l-investimenti.

Jeħtieġ ukoll li nimxu 'l quddiem fl-abbandunar tar-ram. Dan ikun inċentiv biex tintuża l-fibra u jiżgura li jkun hemm aktar riżorsi disponibbli għall-introduzzjoni tal-5G. Dan ikun konformi mal-miri tad-Deċennju Diġitali għall-2030, b'mod partikolari l-konnettività tal-gigabits għal kulħadd, u jwieġeb għall-għanijiet ta' sostenibbiltà fit-tul, peress li l-fibra hija inqas intensiva fl-enerġija u tippermetti l-adozzjoni ta' servizzi aktar effiċjenti u aktar ekoloġiċi. Madankollu, għandu jkun hemm salvagwardji biex jiġi żgurat li l-utenti finali vulnerabbli jibqgħu konnessi.

Nixtieq ukoll nagħti attenzjoni speċjali lill-esplorazzjoni ta' modi biex tiġi inċentivata r-riċerka f'soluzzjonijiet ta' infrastruttura diġitali b'enerġija baxxa, inklużi proċessuri għat-tkessiħ, effiċjenti fl-użu tal-enerġija, u infrastruttura tan-network sostenibbli. Is-soluzzjonijiet tal-IA jistgħu jkunu ta' vantaġġ kbir fil-kisba ta' settur tal-ICT aktar effiċjenti fl-użu tal-enerġija. Fl-2022, il-Kummissjoni adottat pjan ta' azzjoni għad-diġitalizzazzjoni tas-sistema tal-enerġija, li qed jiġi implimentat bis-sħiħ u ra suċċessi sinifikanti. Pereżempju, il-Kummissjoni implimentat skema ta' rapportar għaċ-ċentri tad-data biex jiddivulgaw il-konsum tal-enerġija u tal-ilma tagħhom. Jekk niġi kkonfermata, nappoġġja lill-Kummissarju għall-Enerġija u l-Akkomodazzjoni fl-istabbiliment ta' sistema ta' klassifikazzjoni u tikkettar għaċ-ċentri tad-data, kif ukoll fl-introduzzjoni ta' standards minimi ta' prestazzjoni għal ċentri tad-data ġodda. Naħdmu wkoll flimkien biex intejbu l-integrazzjoni taċ-ċentri tad-data mas-sistema tal-enerġija, filwaqt li niffukaw fuq l-użu mill-ġdid tas-sħana u nipprovdus servizzi ta' flessibbiltà lill-grilja tal-elettriku.

Jekk niġi kkonfermata, se naħdem ukoll biex nistabbilixxi Kodiċi ta' Kondotta għas-sostenibbiltà tan-networks tat-telekomunikazzjoni u se nappoġġja lill-kollegi tiegħi fl-iżvilupp ta' skema ta' tikkettar tal-enerġija għall-kompjuters u fir-reviżjoni tar-rekwiżiti tal-ekodisinn għall-kompjuters u s-servers.

Dwar iċ-**ċibersigurtà**, li tinsab fil-qalba tal-portafoll usa' tas-sigurtà, għandi l-għan li nippromwovi aġenda ta' sigurtà ċibernetika sa mit-tfassil għas-soċjetà kollha. Se niffoka fuq l-implimentazzjoni u l-infurzar tal-liġijiet il-ġodda kemm għaċ-ċibersigurtà tal-entitajiet kritiċi (NIS2) kif ukoll għas-sigurtà tal-prodotti (l-Att dwar ir-Reżiljenza Ċibernetika) b'mod li jiffavorixxi l-innovazzjoni u n-negozju. Se naħdem mal-awtoritajiet u mal-industrija biex inżid il-maturità taċ-ċibersigurtà u ninvesti fit-tisħiħ tal-kapaċitajiet ta' detezzjoni u ta' rispons. Jeħtieġ li nieħdu azzjoni miftiehma u deċiżiva kontra kriminali ċibernetiċi u gruppi ta' ransomware.

L-Att dwar ir-Reżiljenza Ċibernetika (CRA) se jkun bidla radikali globali għaċ-ċibersigurtà, u se jnaqqas b'mod sinifikanti l-vulnerabbiltajiet ta' prodotti konnessi li huma sfruttati minn atturi malizzjużi għal skopijiet ta' spjunaġġ, prepożizzjonament u tfixkil. Inkompli mmexxi 'l quddiem l-entitajiet kritiċi tagħna u l-viżjoni tas-sigurtà tal-prodotti fl-Ewropa u lil hinn minnha, u naħdem biex niżviluppa tmexxija globali dwar l-**istandards taċ-ċibersigurtà**.

Jekk niġi kkonfermata mill-Parlament, se nimmira li nissimplifika u nespandi l-infrastrutturi u l-kapaċitajiet Ewropej ewlenin taċ-ċibersigurtà biex insaħħa l-għarfien tas-sitwazzjoni u l-kapaċitajiet ta' rispons. Nagħmel dan b'enfasi qawwija fuq oġġetti b'użu doppju u kooperazzjoni ċivili-militari, u b'mod partikolari kwistjonijiet ta' sigurtà fil-ktajjen tal-provvista tagħna, billi nibda b'qafas ta' ċertifikazzjoni xieraq. Jeħtieġ li niżguraw li l-evoluzzjoni teknoloġika rapida fiċ-ċiberspazju tiġi indirizzata malajr mis-settur tad-difiża, abbażi tal-Pjan Direzzjonali għat-Teknoloġiji Ċibernetiċi Kritiċi li qed jiġi żviluppat bħalissa. Nixtieq naħdem lejn ambjent li fih l-intraprendituri u l-innovaturi jistgħu jiżviluppaw u jikkummerċjalizzaw għodod ta' ċiberdifiża tant meħtieġa, filwaqt li nirrikonoxxi li l-biċċa l-kbira tal-innovazzjonijiet taċ-ċibersigurtà fl-UE huma żviluppati minn negozji ġodda u kumpaniji żgħar. Niżviluppa wkoll perkors ta' innovazzjoni integrat għan-negozji ġodda ċibernetiċi Ewropej biex nappoġġja l-iżvilupp tagħhom u nrawwem ekosistema ċibernetika ċivili-militari dinamika u fixkiela.

Jekk niġi kkonfermata, se nkompli bl-isforzi biex naġġorna networks trans-Ewropej siguri eżistenti, u noħloq networks trans-Ewropej siguri ġodda, li jikkollegaw l-Istati Membri, l-istituzzjonijiet Ewropej, l-aġenziji u l-korpi, u partijiet ikkonċernati oħra, u b'hekk inżidu l-interoperabbiltà u r-reżiljenza ċibernetika fl-interazzjonijiet transfruntieri diġitali għas-settur pubbliku Ewropew.

Dwar l-operazzjonijiet u d-detezzjoni tat-theddid, nibni fuq is-Sistema ċivili ta' Twissija għaċ-Ċibersigurtà li għandha tinbena skont l-Att dwar iċ-Ċibersolidarjetà. Bl-infrastruttura taċ-Ċentri Ċibernetiċi tal-UE li taħdem bl-IA, nistgħu nsaħħu l-kapaċità tal-Ewropa li tidentifika sinjali baxxi ta' attakki, biex tagħti spinta lit-tħejjija tal-infrastrutturi kritiċi ċivili jew tad-difiża tagħna. Dan għandu jtkompla flimkien mal-ħidma tal-Kummissarju għad-Difiża u l-Ispazju mal-Istati Membri lejn iċ-ċiberdifiża.

L-infrastrutturi tal-kejbils taħt il-baħar iġorru 99 % tat-traffiku interkontinentali u huma kruċjali għas-sigurtà u l-kompetittività globali tal-Ewropa. Se naħdem mal-Istati Membri biex nidentifika r-riskji u l-miżuri ta' mitigazzjoni possibbli, inklużi l-istandards, u nkompli nappoġġja l-introduzzjoni ta' kejbils sottomarini.

Fir-rigward tat-tisħiħ tal-kompetittività industrijali tas-sigurtà u tad-difiża, il-kisba tal-prontezza industrijali tad-difiża Ewropea teħtieġ aktar investiment fil-bażi industrijali tagħna, fir-riċerka u l-iżvilupp, kif ukoll aktar kooperazzjoni u impenn fit-tul. Kif enfasizzat fl-Istrateġija Industrijali tad-Difiża Ewropea, għal għexieren ta' snin ma investejniex biżżejjed fl-apparat industrijali tad-difiża tagħna. Aktar minn nofs l-akkwizzizzjonijiet tad-difiża tagħna jiġu minn fornituri tad-difiża mhux tal-UE u l-kummerċ intra-UE żdied biss marġinalment meta mqabbel mat-tkabbir sinifikanti tas-suq tad-difiża tal-UE. L-istrateġija Industrijali Ewropea għad-Difiża u l-Programm Ewropew għall-Industrija tad-Difiża, li jikkomplementaw il-Fond Ewropew għad-Difiża, jipproponu sensiela ta' inċentivi biex ireġġgħu lura dawn ix-xejriet, u jaħdmu lejn it-twettiq ta' Suq Uniku reali għad-difiża. Dawn il-miżuri jwittu t-triq għall-Unjoni Ewropea tad-Difiża. Jeħtieġ li l-Istati Membri jaħdmu flimkien aktar, u jinvestu aktar, anke b'mod kooperattiv, fl-industrija Ewropea. Jeħtieġ ukoll li nidentifikaw l-ostakli li fadal għall-kooperazzjoni transfruntiera, għas-servizz kemm tal-kompetittività tal-bażi teknoloġika u industrijali tad-difiża Ewropea, kif ukoll tal-ħtiġijiet tal-forzi armati tal-Istati Membri.

Jekk niġi kkonfermata, flimkien mal-Viċi President/Rappreżentant Għoli għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà kif ukoll mal-Kummissarju għad-Difiża u l-Ispazju, se niggwida l-ħidma biex tissaħħaħ il-kompetittività industrijali tad-difiża tagħna fil-qafas ta' Unjoni Ewropea tad-Difiża.

6. L-Intelliġenza Artifiċjali, l-Att tal-UE dwar il-Cloud u l-Iżvilupp tal-IA

X'se jkunu l-prinċipji u l-oġġettivi ewlenin tal-proposta mħabbra għal "Att tal-UE dwar il-Cloud u l-Iżvilupp tal-IA" għid, u l-Kummissjoni kif qed tippjana li tilħaq dawn l-oġġettivi? Il-Kummissjoni kif se tallinja l-oġġettiv strateġiku li tingħata spinta lill-innovazzjoni u l-kompetittività tal-IA mal-ħtieġa li jiġu żgurati l-affidabbiltà u s-sikurezza tal-IA mal-benefiċċji tal-konsumaturi u tan-negozji? Kif beħsiebek tippromwovi l-applikazzjoni armonizzata tan-normi u l-istandards diġitali tal-UE fis-Suq Uniku u internazzjonalment u tiżgura t-tmexxija globali tal-UE fil-governanza diġitali?

Bħalissa, 8 % biss tan-negozji tal-UE jużaw l-IA, 33 % biss tal-kumpaniji tagħna jużaw il-cloud, u l-impronta taċ-ċentru tad-data fl-Ewropa hija terz ta' dik fl-Istati Uniti. Dan iwassal għal diskrepanza enormi fil-produttività għall-UE, minħabba li l-industrija tagħna teħtieġ setgħa komputazzjonali biex tkun innovattiva, speċjalment dwar l-IA. Ladarba l-mudelli tal-IA jiġu mħarrġa (permezz ta' supercomputers), l-infrastruttura tal-cloud konvenzjonali tkun ċentrali biex jiġu adattati għal każijiet ta' użu speċifiċi. Madankollu, is-suq Ewropew tal-cloud huwa ddominat minn numru żgħir ta' fornituri fuq skala għolja li spiss jinsabu barra mill-pajjiż, li huma wkoll atturi ewlenin fis-suq emerġenti tal-IA, bis-saħħa tal-infrastruttura massiva tagħhom, u għodod tas-software tal-IA dominanti.

Biex nindirizza din l-isfida industrijali, jekk niġi kkonfermata, se nħejji **Att dwar l-IA u l-Iżvilupp tal-Cloud**, ibbażat fuq valutazzjoni tal-impatt fuq skala sħiħa li tinvolvi lill-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha. Dan għandu jkun parti minn strateġija usa'. Flimkien mal-**Att dwar il-Fabbriki tal-IA**, dan iġib il-qawwa komputazzjonali tant meħtieġa għall-innovaturi tal-IA tal-Ewropa. Il-komponenti l-oħra tal-istrateġija jkunu l-**Istrateġija għall-Applikazzjoni tal-IA**, biex titthaffet it-trasformazzjoni xprunata mill-IA tas-setturi industrijali tal-Ewropa u l-ġhoti ta' servizzi pubbliċi; u l-**Att dwar in-Networks Diġitali**, biex soluzzjonijiet ta' konnettività diġitali tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku jiġu integrati bl-aħjar mod fl-ekosistema ġenerali.

Fil-fehma tiegħi, l-Att dwar l-IA u l-Iżvilupp tal-Cloud għandu jirreplika l-ambizzjoni tal-Att tal-UE dwar iċ-Ċipep. Hekk kif l-Att dwar iċ-Ċipep indirizza r-riċerka u l-innovazzjoni, l-investment fil-faċilitajiet tal-manifattura fl-Ewropa u s-sigurtà tal-provvista taċ-ċipep, l-Att dwar l-IA u l-Iżvilupp tal-Cloud jenħtieġ li jindirizza kif tista' tiġi sostnuta ekosistema vibranti ta' mudelli ta' taħriġ tal-IA u jiġi attirat l-investment fl-infrastruttura tal-computing u fil-ħżin tad-data madwar l-Ewropa, li jenħtieġ li jkun disponibbli għal kull negozju għid, SME u attur industrijali ieħor.

L-ewwel oġġettiv tal-**Att dwar l-IA u l-Iżvilupp tal-Cloud** ikun li jippromwovi l-iżvilupp ta' arkitetturi tal-computing effiċjenti fl-enerġija u soluzzjonijiet rivoluzzjonarji biex jiġi minimizzat l-użu tar-riżorsi naturali. It-teknoloġiji sostenibbli għaċ-ċentri tal-cloud u tad-data huma neċessità għall-Ewropa u sors potenzjali ta' vantaġġ kompetittiv. Jekk niġi kkonfermata, se nippromwovi wkoll l-użu ta' mudelli ta' taħriġ kollaborattivi tal-IA li jinvolvu partijiet ikkonċernati ewlenin f'setturi industrijali strateġiċi, speċjalment fl-istadju prekompetittiv. Ħafna aktar atturi Ewropej għandhom jidħlu fis-suq.

It-tieni, l-Att għandu jagħti prijorità lill-investimenti fuq skala kbira fil-faċilitajiet tal-cloud u tal-IA li jistgħu jitqiesu bħala "l-ewwel tat-tip tagħhom", pereżempju fir-rigward tas-sostenibbiltà u forom innovattivi ta' cloud computing bħat-telco-edge cloud. Huwa importanti wkoll li l-cloud jitqies bħala continuum ta' infrastruttura reali, fejn l-infrastrutturi ċentralizzati tradizzjonali tal-cloud huma interkonnessi man-network tagħna ta' supercomputers u kkomplementati b'nodji edge distribwiti u infrastruttura tat-telekomunikazzjoni.

It-tielet, jeħtieġ li nindirizzaw is-sigurtà tal-provvista u ċ-ċibersigurtà tas-servizzi tal-cloud. Kollettivament, qed nassenjaw ħafna mid-data tagħna lill-cloud. L-applikazzjonijiet li joperaw fuq infrastrutturi tal-cloud spiss ikunu punt ta' dħul għas-sistemi tal-IT u d-data tan-negozju. Huwa għalhekk li, jekk niġi kkonfermata, se niżgura li s-servizzi tal-cloud offriti fl-Ewropa jilhqgħu livell għoli ta' ċibersigurtà. Iċ-ċittadini u n-negozji tagħna għandhom ikunu jistgħu jafdaw li d-data tagħhom hija sikura meta tinħażen fil-cloud.

Fir-rigward tal-allinjament tal-innovazzjoni xprunata mill-IA mal-affidabbiltà u s-sikurezza tal-IA, din mhix kontradizzjoni: il-fiduċja u l-eċċellenza fl-IA huma żewġ naħat tal-istess munita. L-att dwar l-IA jintroduċi salvagwardji biex jiġi żgurat li l-IA fl-Ewropa tkun iċċentrata fuq il-bniedem, affidabbli u sikura. Fl-istess ħin, isegwi approċċ immirat ibbażat fuq ir-riskju u joħloq sett wieħed ċar ta' regoli fl-Istati Membri kollha. Billi joffri eċċezzjonijiet għal għodod ta' riċerka u appoġġ bħal ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja, iħalli lok għall-

innovazzjoni fl-IA. Nipprijoritizza l-implimentazzjoni f'waqtha u prevedibbli biex l-Att dwar l-IA jkun jista' jilħaq dawn l-oġġettivi doppji.

L-UE tinsab f'pożizzjoni tajba biex tmexxi l-governanza diġitali globali, peress li konna l-ewwel globalment li adottajna sett komprensiv ta' regoli, mhux biss dwar l-IA iżda wkoll dwar is-servizzi u l-pjattaformi diġitali. Jekk niġi kkonfermata, beħsiebni nkompli nippromwovi b'mod attiv l-approċċ tal-UE għal IA ċċentrata fuq il-bniedem u affidabbli, filwaqt li nippromwovi ġestjoni responsabbli tal-IA f'fora globali u fi sħubijiet bilaterali ma' sħab internazzjonali ewlenin. Nemmen li l-UE għandha tkompli taqdi rwol ewlieni fil-governanza diġitali globali, filwaqt li tippromwovi globalment ir-regoli tagħna, abbażi tal-viżjoni tagħna ċċentrata fuq il-bniedem u l-valuri Ewropej komuni tagħna, li fuqhom huma bbażati r-regoli tagħna.

Biex nikseb riżultati dwar dan, infittex li nsaħħaħ aktar il-koordinazzjoni bejn l-Istati Membri tal-UE fin-NU, fi ħdan il-Forum dwar il-Governanza tal-Internet, fora internazzjonali u organizzazzjonijiet tekniċi rilevanti oħra, bħall-Korporazzjoni tal-Internet għall-Ismijiet u n-Numri Assenjati.

Fl-aħħar nett, ma għandniex żmien x'nilfu biex nistabbilixxu l-istandards. Il-kumpaniji Ewropej u mhux Ewropej li se joperaw fis-Suq Uniku skont id-dispożizzjonijiet legali l-ġodda tal-Att dwar l-IA se jkollhom bżonn standards tekniċi. Nivvaluta bir-reqqa kif il-Kummissjoni tista' twettaqhom, preferibbilment fi ħdan is-sistema ta' standardizzazzjoni eżistenti. Ladarba jkollna standards tekniċi li jappoġġjaw l-Att dwar l-IA, ninsab konvinta ukoll li dan se jsawwar il-governanza diġitali globalment.

7. L-Att dwar is-Servizzi Diġitali u l-Att dwar is-Swieq Diġitali u l-impatti negattivi tal-pjattaformi online

X'se jkun l-prijoritajiet ta' infurzar tiegħek għall-Att dwar is-Servizzi Diġitali (DSA) u l-Att dwar is-Swieq Diġitali (DMA), u kif se tiżgura mekkaniżmi ta' infurzar effettivi, trasparenti u rapidi? Il-Kummissjoni kif se tindirizza l-appell għas-simplifikazzjoni u t-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi? Il-Kummissjoni se tkun tista' tiddedika biżżejjed riżorsi għall-infurzar? Kif qed tippjana li tindirizza prattiki dannużi online bħal dark patterns jew disinn li joħloq dipendenza, li għandhom impatt fuq l-individwi, b'mod partikolari t-tfal u l-minorenni, u s-saħħa mentali tagħhom? Fl-aħħar nett, x'azzjonijiet konkreti se tiegħu biex tiġġielel il-bullying ċibernetiku?

L-Att dwar is-Servizzi Diġitali u l-Att dwar is-Swieq Diġitali huma strumenti ġodda b'saħħithom għar-regolamentazzjoni tal-pjattaformi. Wara l-ewwel sena tal-infurzar tagħhom, inqis li qed jiffunzjonaw relattivament bla xkiel, il-ħidma fuq il-leġiżlazzjoni sekondarja meħtieġa miexxa sew, it-timijiet ġew iffurmati u diversi investigazzjonijiet huma miftuħa jew wasslu għal deċiżjonijiet li għandhom impatt fuq kif il-pjattaformi online joperaw fl-UE. Jekk niġi kkonfermata, irrid nibni fuq dan u niżgura li l-Kummissjoni tiżviluppa f'awtorità regolatorja tal-ewwel sejhja f'dan il-qasam, li tisma' bir-reqqa u taġixxi malajr, f'konformità mar-regoli tagħna, b'rispett sħiħ tad-drittijiet ta' proċess ġust u b'mod trasparenti għall-partijiet ikkonċernati kollha.

Fir-rigward tal-infurzar tal-Att dwar is-Servizzi Diġitali, se niffoka fuq erba' oqsma: 1) il-protezzjoni tal-minorenni online; 2) il-kummerċ elettroniku u l-oġġetti mhux konformi fis-swieq online; 3) kontenut illegali online, inkluża l-amplifikazzjoni algoritmika ta' tali kontenut; u 4) il-kwistjoni usa' tal-integrità tal-informazzjoni fil-kuntest tal-elezzjonijiet, li tiżgura sinerġiji mat-Tarka tad-Demokrazija l-ġdida.

Għall-Att dwar is-Swieq Diġitali, li għandu l-għan li jiżgura kundizzjonijiet ekwi u kompetizzjoni ġusta, nagħti prijorità lil tliet dimensjonijiet importanti, filwaqt li naħdem mill-qrib mal-Viċi President Eżekuttiv għal Tranżizzjoni Nadifa, Ġusta u Kompetittiva: 1) biex jinfetħu ekosistemi li huma magħluqa, kemm jekk f'sistemi operattivi, browsers tal-web jew swieq online; 2) li l-konsumaturi jingħataw l-għażla u l-kapaċità li jieħdu lura l-kontroll f'ambjent fejn iħossu li kumpaniji diġitali kbar huma b'saħħithom, u 3) li jiġi żgurat li d-data tappartjeni għal dawk li jiġġenerawha u mhux għal dawk li jistgħu jisfruttawha bl-aħjar mod.

Jekk niġi kkonfermata, l-approċċ tiegħi għall-infurzar tal-Att dwar is-Servizzi Diġitali u l-Att dwar is-Swieq Diġitali jkun rigoruż, ibbażat fuq l-evidenza, u determinat. Se nuża s-setgħat kollha ta' infurzar mogħtija lill-Kummissjoni mill-koleġiżlaturi. Meta ksur ikun ta' periklu immedjat għaċ-ċittadini tagħna, ma noqgħodx lura milli nieħu miżuri qawwija. Jien nikkoopera wkoll mas-soċjetà ċivili, ir-riċerkaturi u l-informaturi. L-evidenza wriet li f'xi każijiet, djalogu serju bejn il-kumpaniji regolati u l-infurzaturi jista' jwassal għal riżultati rapidi u effettivi. Il-pjattaformi online jridu jsegwu l-leġiżlazzjoni tal-UE – mingħajr tattiki ta' dewmien. Jekk niġi kkonfermata, se nimpenja ruħi għal djalogu miftuħ u sistematiku mal-Parlament Ewropew, b'mod partikolari permezz tal-Gruppi ta' Ħidma stabbiliti sew dwar l-Implimentazzjoni tal-Att dwar is-Servizzi Diġitali u l-Att dwar is-Swieq Diġitali kif ukoll mal-Komitati rilevanti.

Sabiex il-Kummissjoni tkun awtorità regolatorja effettiva u kredibbli, infittex li niżgura li jiġu ddedikati biżżejjed riżorsi għal dan, bl-użu tat-tariffi miġbura skont l-Att dwar is-Servizzi Diġitali.

Jekk niġi kkonfermata mill-Parlament Ewropew, se naħdem f'koordinazzjoni mill-qrib mal-Kummissarji responsabbli dwar id-dark patterns, il-mekkaniżmi li joħloq dipendenza u l-impatti negattivi oħra tal-media soċjali, b'mod partikolari fuq il-minorenni. L-att dwar is-Servizzi Diġitali huwa għodda legali b'saħħitha biex tgħin fl-indirizzar ta' dawn il-kwistjonijiet hawnhekk u issa, għall-operaturi ekonomiċi li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tiegħu. Is-suċċess reċenti tal-infurzar kontra TikTok Lite għad-disinn dipendenti tiegħu huwa eżempju tajjeb ta' dak li l-Att dwar is-Servizzi Diġitali jista' jwassal għall-UE kollha, fi żmien rekord. L-UE, il-kumpaniji u l-esperti jridu jaħdmu flimkien biex jiżguraw li l-kumpaniji tal-media soċjali japplikaw approċċ li fih is-sikurezza tiġi l-ewwel li jippermetti lill-utenti kollha joperaw online b'mod sikur. L-investigazzjonijiet li nfetħu reċentement kontra TikTok, X, Facebook u Instagram dwar il-mekkaniżmi li joħloq dipendenza, id-dark patterns u l-protezzjoni tal-minorenni jeħtieġ li jiġu segwiti b'mod vigoruż sabiex titwettaq bidla reali u rapida u għandhom jinfurmaw il-ħidma futura dwar l-impatt tal-media soċjali fuq il-minorenni. Fejn tirriżulta evidenza ta' ħsara sistemika f'servizzi deżinjati oħra, jenħtieġ li l-Kummissjoni tiegħu azzjoni ta' infurzar deċiżiva. Se naħdem ukoll mal-Kummissarju għad-Demokrazija, il-Ġustizzja u l-Istat tad-Dritt dwar Att dwar il-Ġustizzja Diġitali, biex niżgura li prattiki bħad-dark patterns, id-disinn li joħloq dipendenza u t-tfassil ta' profili online jiġu indirizzati b'mod adegwat.

Il-protezzjoni tal-minorenni hija prijorità ewlenija għaliha. Jekk niġi kkonfermata, inkun qed nikkoopera mill-qrib mal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi biex niġbru l-evidenza meħtieġa. Se nmexxi wkoll il-ħidma fuq il-linji gwida dwar il-protezzjoni tal-minorenni skont l-Att dwar is-Servizzi Diġitali, bl-għan li niffinalizzahom qabel is-sajf tal-2025. Il-linji gwida għandhom jistabbilixxu kif il-pjattaformi online se jiżguraw livell għoli ta' privatezza, sikurezza u sigurtà għall-minorenni, f'konformità mar-regoli tal-Att dwar is-Servizzi Diġitali. Dawn għandhom ikunu akkumpanjati mill-introduzzjoni ta' sistema ta' verifika tal-età li tippreserva l-privatezza.

Nikkontribwixxi wkoll għall-inkjesta madwar l-UE kollha dwar l-impatti tal-media soċjali fuq il-benesseri u s-saħħa mentali li qed titmexxa mill-Kummissarju għas-Saħħa u l-Benesseri tal-Annimali. L-inkjesta għandha tibni fuq l-involvement mat-tfal u l-għalliema u l-għarfien minn esperti tal-ogħla livell minn madwar l-UE, sabiex flimkien nibnu l-ambjent diġitali sikur u b'saħħtu li t-tfal tagħna jistħoqqilhom.

Rigward il-pjan ta' azzjoni kontra l-bullying ċibernetiku mħabbar fil-Linji Gwida Politiċi, se nikkontribwixxi għall-ħidma tal-Kummissarju għall-Ġustizzja Interġenerazzjonali, iż-Żgħażaġħ, il-Kultura u l-Ispert biex niżgura li dan jipprovdil-miżuri ċari meħtieġa. L-istrateġija għal Internet Aħjar għat-Tfal (BIK+) adottata fl-2022 tista' tipprovdil-bażi siewja għall-pjan ta' azzjoni. Inħeġġeġ ukoll lill-Istati Membri jaħtru senjalaturi fdati tal-Att dwar is-Servizzi Diġitali b'għarfien espert ippruvat dwar il-protezzjoni tal-minorenni, inkluż il-bullying ċibernetiku.

Jekk niġi kkonfermata, inkun impenjata bis-sħiħ li niżgura li l-Kummissjoni twettaq is-simplifikazzjoni u tnaqqas il-piż amministrattiv f'dan il-qasam. Din hija parti mill-missjoni għall-membri kollha tal-Kulleġġ il-ġdid u hija meħtieġa biex tittejjeb il-kwalità regolatorja u tiġi żgurata implimentazzjoni sħiħa. Smajt b'mod ċar is-sejthet mill-SMEs u n-negozji tagħna u għandi l-għan li nissimplifika l-Ġabra tar-Regoli Diġitali tagħna kull meta nidentifikaw opportunitajiet bħal dawn. Se nagħti ħarsa bir-reqqa lejn jekk is-simplifikazzjoni legali hix possibbli fiż-żmien tar-rieżami tal-Att dwar is-Servizzi Diġitali f'Novembru 2025 u l-Att dwar is-Swieq Diġitali f'Mejju 2026. Kwalunkwe leġislazzjoni ġdida f'dan il-qasam jeħtieġ li tkun ċara u ma toħloqx piżijiet bla bżonn. Jien niżgura wkoll li l-liġijiet nazzjonali ma johlqux burokrazija żejda u "regolamentazzjoni żejda" dawn l-għodod, li għandhom impatt sħiħ fuq l-armonizzazzjoni. Nagħti attenzjoni partikolari lill-impatt tal-Ġabra ta' Regoli Diġitali fuq in-negozji ġodda u n-negozji li qed jespandu, filwaqt li niżgura li din tiġi implimentata b'mod li jgħin lill-ekonomija tagħna tirnexxi. Se nħares ukoll lejn l-għodod kollha possibbli ta' diġitalizzazzjoni biex il-konformità mar-regoli tal-UE ssir aktar faċli għall-komunità tan-negozju.

8. Pjattaformi ta' kummerċ elettroniku

Il-President tal-Kummissjoni Ewropea, Ursula von den Leyen, fdatlek il-kompitu li tmexxi l-ħidma biex tindirizza l-isfidi mal-pjattaformi tal-kummerċ elettroniku, speċjalment minn pajjiżi terzi, sabiex tiżgura li l-konsumaturi u n-negozji jibbenefikaw minn kundizzjonijiet ekwi bbażati fuq regoli effettivi dwar id-dwana, it-taxxa u s-sikurezza u s-sostenibbiltà. Kif beħsiebek tilħaq dawn l-oġettivi u b'mod partikolari x'identifikajt bħala l-kwistjonijiet ewlenin, u x'inhuma l-għodod u l-miżuri biex tindirizzahom, speċjalment meta l-atturi ewlenin ikunu stabbiliti f'pajjiżi terzi? Dan kif se jikkontribwixxi għat-titjib tal-funzjonament tas-Suq Uniku u l-protezzjoni tad-drittijiet

tal-konsumaturi tal-UE? Kif qed tippjana li tikkoopera f'dan il-kompitu ma' Membri oħra tal-Kulleġġ u mal-awtoritajiet tal-infurzar fl-Istati Membri?

Jechtiegħ li naġixxu fuq ir-riskji għas-saħħa u s-sikurezza u l-ħsara ambjentali kkawżata mill-fatt li biljuni ta' pakketti żgħar jintbagħtu direttament lill-konsumaturi tal-UE permezz tal-intermedjazzjoni ta' pjattaformi online tal-kummerċ elettroniku ta' pajjiżi terzi u n-nuqqas frekwenti ta' konformità ta' tali prodotti mar-regoli tal-UE, b'mod partikolari f'termini ta' sikurezza. Il-linji Gwida Politiċi jinkludu impenn ċar biex jiġu indirizzati l-isfidi bil-pjattaformi tal-kummerċ elettroniku. Jekk niġi kkonfermata, immexxi l-ħidma biex inwettaq dan, billi nieħu approċċ olistiku li jħares lejn kontrolli doganali, tat-taxxa u tas-sikurezza effettivi u lejn monitoraġġ ieħor, standards ta' sostenibbiltà, intejbu s-sikurezza u l-konformità tal-prodotti mibjugħa online minn bejjiegħa ta' pajjiżi terzi, nappoġġja infurzar effiċjenti u kkoordinat, u niżgura kompetizzjoni ġusta u kundizzjonijiet ekwi. L-UE għandha tagħmel użu sħiħ mis-sett ta' għodod li għandha disponibbli biex tindirizza l-isfidi tal-pjattaformi tal-kummerċ elettroniku.

L-implimentazzjoni tal-Att dwar is-Servizzi Diġitali, ir-Regolament dwar is-Sorveljanza tas-Suq u r-Regolament dwar is-Sikurezza Ġenerali tal-Prodotti se jkollhom rwol vitali biex jiġi żgurat li l-prodotti offruti għall-bejgħ għall-konsumaturi Ewropej online jikkonformaw mar-regoli applikabbli kollha tal-UE. Infurzar b'saħħtu u effettiv kontra l-atturi li ma jikkonformawx huwa kruċjali, u skont l-Att dwar is-Servizzi Diġitali l-kumpaniji jirriskjaw multi sa 6 % tal-fatturat globali tagħhom. Is-swieq online u l-protezzjoni tal-konsumatur online huma waħda mill-prijoritajiet tal-infurzar tal-Att dwar is-Servizzi Diġitali. Il-Kummissjoni bħaliha qed tiġbor evidenza ta' kwistjonijiet sistemiċi dwar is-swieq online u diġà ħadet azzjoni investigattiva fir-rigward ta' numru ta' pjattaformi tal-kummerċ elettroniku li jaqgħu taħt il-mandat tagħha, inklużi dwar suspetti relatati ma' kummerċjanti qarrieqa u mar-riskju ta' disseminazzjoni ta' prodotti illegali b'impatt negattiv fuq il-konsumaturi. Jekk niġi kkonfermata, insewgi dan bil-qawwa u malajr.

L-infurzar tajjeb għandu jkun appoġġjat mis-soċjetà ċivili u b'mod partikolari mill-assoċjazzjonijiet tal-konsumaturi u l-NGOs. L-UE għandu jkollha tolleranza żero għal kummerċjanti diżonesti fi prodotti mhux sikuri u għal prodotti manifatturati b'xogħol furzat.

L-identifikazzjoni u l-prevenzjoni ta' prodotti mhux sikuri jew mhux konformi milli jidhru fis-Suq Uniku jirrikjedu wkoll kooperazzjoni msaħħa bejn l-awtoritajiet doganali u l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq. Niżgura li l-Kummissjoni tappoġġja dan bħala parti mill-impenn kontinwu tagħha mal-awtoritajiet nazzjonali biex jiġi żgurat li l-infurzar tal-UE u dak nazzjonali jkunu marbuta b'mod effettiv. Bis-saħħa tal-obbligi estensivi ta' trasparenza u informazzjoni stabbiliti fl-Att dwar is-Servizzi Diġitali fir-rigward tal-identifikazzjoni tal-kummerċjanti, u r-regoli l-ġodda komplementari dwar it-traċċabbiltà skont ir-Regolament dwar is-Sigurtà Ġenerali tal-Prodotti, issa awtoritajiet differenti jistgħu jaraw min jinsab wara l-bejgħ ta' prodott partikolari online. Din l-informazzjoni u tipi oħra ta' informazzjoni jridu jintużaw għal infurzar effettiv u koordinat. L-awtoritajiet nazzjonali tas-sorveljanza tas-suq għandhom jiġu appoġġjati wkoll fl-organizzazzjoni ta' attivitajiet konġunti ta' kampjunar u ttestjar kif ukoll ta' investigazzjoni tas-sikurezza tal-prodotti biex jivverifikaw u jtejbu l-konformità tal-atturi tal-kummerċ elettroniku.

Se naħdem f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kummissarju għall-Ġustizzja, id-Demokrazija u l-Istat tad-Dritt biex niżgura li l-konsumaturi Ewropej ikunu jistgħu jibbenefikaw mill-opportunitajiet tat-teknoloġiji diġitali protetti minn prattiki mhux etiċi bis-saħħa ta' qafas effettiv ta' infurzar tal-konsumatur, inkluż vis-à-vis kummerċjanti stabbiliti barra mill-Unjoni.

Jekk niġi kkonfermata, niżgura li l-ħidma tagħna fuq il-kummerċ elettroniku tibni wkoll fuq ir-riforma doganali proposta. Il-volum ta' pakketti b'valur sa EUR 150, li bħaliha huma eżentati mill-ħlas tad-dazji doganali, mibgħuta direttament minn pajjiżi terzi, żdied b'erba' darbiet f'dawn l-aħħar erba' snin. Il-volum mistenni matul l-2024 huwa ta' 4 biljun oġġett, b'awtoritajiet f'seba' Stati Membri biss (in-Netherlands, il-Belġju, Franza, l-Ungerija, l-Italja, Spanja u l-Ġermanja) responsabbli għas-superviżjoni ta' aktar minn 90 % ta' dawn l-importazzjonijiet fl-UE. Il-proċessi u l-għodod doganali attwali ma għadhomx adatti għall-iskop tagħhom. Ir-riforma Doganali ambizzjuża tal-UE proposta fl-2023 tabolixxi l-limitu tal-eżenzjoni mid-dazju ta' EUR 150 u ġġib tsiħi strutturali tal-kapaċitajiet ta' kontroll billi tippermetti ġestjoni tar-riskju fil-livell tal-UE fl-awtorità doganali l-ġdida tal-UE u fil-Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE tagħha. Ir-riforma ttejjeb b'mod sinifikanti l-kapaċità tal-UE li tirrispondi għat-theddid li jirriżulta mit-traffiku illeċitu u mhux konformi tal-kummerċ elettroniku, u se naħdem mal-Kummissarju għall-Kummerċ u s-Sigurtà Ekonomika lejn l-adozzjoni rapida tagħha. Jekk il-mudell kummerċjali jitqies li jisfrutta d-diffikultà strutturali biex jiġu applikati biżżejjed kontrolli tal-konformità għall-volumi enormi ta' merkanzija ppakkjata individwalment u mibgħuta minn barra l-pajjiż, għandna nkunu miftuħa wkoll għal miżuri oħra.

Naħdem ukoll biex niżgura li swieq online iżgħar tal-UE jkunu jistgħu jikbru u jikkompetu ma' swieq mhux tal-UE. Dan jista' jsir biss permezz ta' sforz konġunt, u approċċ ta' tim multidixxiplinari msaħħa fil-Kummissjoni jgħin biex jiġu identifikati u implimentati l-aħjar soluzzjonijiet għal din l-isfida.

Mistoqsija mill-Kumitat għall-Affarijiet Barranin / Mistoqsija mis-Sottokumitat għas-Sigurtà u d-Difiża

9. L-UE qed tiffaċċja l-aktar sett kumpless ta' theddid u ambjent ta' sigurtà li qed jiddeterjora minn tmiem il-Gwerra Bierda 'l hawn, b'theddid li ġej minn barra kif ukoll minn ġewwa l-Unjoni. Inti ġejt inkarigata li taħdem mal-Kummissarju għad-Difiża u għall-Ispazju u mal-Viċi President tal-Kummissjoni Ewropea u r-Rappreżentant Għoli għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (VP/RGħ) biex l-Unjoni tad-Difiża tingħata l-ħajja u biex tixpruna l-konsolidazzjoni industrijali tad-difiża tagħna, tnaqqas il-frammentazzjoni, id-duplikazzjoni u l-ineffiċjenzi. Element ewlieni f'dan se jkun l-isfruttar ta' teknoloġiji ġodda u innovattivi biex jiġi żgurat li jkollna l-vantaġġ teknoloġiku tad-difiża. Bħala Viċi President Eżekuttiv, kif beħsiebek tappoġġja l-innovazzjoni u l-iżvilupp diġitali fl-industrija tad-difiża, kif ukoll il-potenzjal tagħha b'użu doppju u ċivili-militari, kif ukoll tiżgura li l-isforzi biex jiġu rregolati teknoloġiji b'użu doppju bħall-IA ma jaqgħux lura mill-pass rapidu tal-iżvilupp fl-applikazzjonijiet militari, kemm fi ħdan il-fruntieri tal-UE kif ukoll lil hinn minnhom? Barra minn hekk, kif qed tippjana li tinvolvi ruħek mal-Istati Membri, mal-VP/RGħ, mas-sħab internazzjonali biex tistabbilixxi oqfsa ta' governanza għall-iżvilupp u l-użu responsabbli ta' teknoloġiji b'użu doppju, inkluża l-applikazzjoni militari tal-IA li tiggarantixxi kontroll uman sinifikanti? Kif beħsiebek ittejjeb is-sigurtà tal-infrastrutturi kritiċi fl-UE?

Jekk niġi kkonfermata, se niggwida, flimkien mal-Viċi President tal-Kummissjoni Ewropea u r-Rappreżentant Għoli għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (VP/RGħ) u l-Kummissarju għad-Difiża u l-Ispazju, il-ħidma biex **l-Unjoni Ewropea tad-Difiża** tingħata l-ħajja b'modi li jsaħħu s-sigurtà u l-kapaċità ta' deterrenza tagħna u jixprunaw il-kompetittività industrijali tagħna.

L-innovazzjoni hija kruċjali biex jiġi żgurat li kapaċitajiet ta' difiża tal-ogħla livell u biex jiġi minimizzati d-dipendenzi strateġiċi, b'mod partikolari fir-rigward tal-komponenti diġitali u tal-IA. Inżid l-ambizzjoni tagħna li nrawmu l-innovazzjoni fil-qasam tad-difiża kemm għall-kompetittività tal-industrija tagħna kif ukoll għas-superjorità teknoloġika tal-forzi armati tal-Istati Membri. Il-Fond Ewropew għad-Difiża introduċa inizjattivi ġodda biex jintegra t-teknoloġiji ċivili fis-sistemi tad-difiża u jappoġġja negozji ġodda u kumpaniji żgħar. Bit-tneġġja tal-Iskema Ewropea għall-Innovazzjoni fil-Qasam tad-Difiża, l-UE għandha l-għan li tinvesti EUR 1.5 biljun sal-2027, filwaqt li tipprovi finanzjament tant meħtieġ għall-innovazzjoni fil-qasam tad-difiża. Madankollu, jeħtieġ li nisfruttaw il-kapital u l-potenzjal billi nirrieżaminaw il-qafas regolatorju tagħna biex nindirizzaw l-ostakli restrittivi għall-investimenti fl-innovazzjoni.

